# +8

Nadia Mifsud

*(poeżija miktuba waqt l-imxija tal-COVID-19 –Lyon, Marzu 2020)*

illum lgħabna noli max-xemx ta' Marzu
fittixna bla sibna
s-soltu tħarbix tal-ajruplani fis-sema
minflok, għoddejna kemm-il werqa ġdida
tfaċċat fuq il-friegħi tas-siġra 'tagħna'
– stħajjilniehom noti
ħammimna diska ta' żmien żemżem
żfinna bħalma kienu jiżfnu
n-nanna u n-nannu dari
pinġejna qalb bil-ġibs fuq il-bankina
għax-xwejħa gustuża li ilha snin maqfula ġewwa
fuq is-sodda frixna kulma sibna fuq Picasso
ar' diż-żokra, qishiex serratura?
– daqquqa
mgħadna kliem stramb b'kull lingwa li tgħallimna
u oħrajn bi lsien
li ħadd ma jaf ħlief aħna
qrajna ħrafa oħra u
rġajna doqna għal ftit il-beraħ
imbagħad infaħna l-bżieżaq tas-sapun
u 'l kull waħda fdajnielha sigriet
għidli mqar wieħed, insistejt int
għedtlek
nixtieq li ma ndumux wisq
ma nerġgħu nimteddu fuq ir-ramel
bil-baħar firxa fiddiena jiddandan ħdejna
infesfsu ras ma' ras ħalliema
nidħku
nisktu
ngħoddu l-istilel